TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 46/13/GB

**Corinne Trapani**

**vs**

**Crosscraft Co. Ltd.**

Illum 31 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-18 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' disgha u disghin Ewro (€99.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal 'vacuum cleaner' li xtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema 'vacuum cleaner' kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat 'vacuum cleaner' minghand is-socjeta' ntimata, fejn l-istess socjeta' ntimata qed tinsisti li l-'vacuum cleaner' ma tistax tissewwa taht il-garanzija peress illi nxtrat bi prezz skontat u li kellha garanzija ta' sitt xhur. Ir-rikorrenti xtrat din il-'vacuum cleaner' bhala gdida, fejn is-socjeta' ntimata kienet informata verbalment illi kellha garanzija ta' sentejn.

Mill-bidunett il-'vacuum cleaner' kienet difettuza, fejn wahda mill-filters harget barra minn postha meta kienet qed tuzaha, u ghadha qed taghmel l-istess. Is-socjeta' ntimata kienet informatha li setghat tuza l-'vacuum cleaner' minghajr din il-filter.

Wara sebgha xhur li r-rikorrenti kienet xtrat l-imsemmija 'vacuum cleaner', il-mutur waqaf kompletament wara ftit minuti ta' uzu. Dan huwa difett latenti li wisq probabbli anke b'mutur gdid ser tibqa' taghmel l-istess.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Din il-'vacuum cleaner' inxtrat mir-rikorrenti bhala 'sale item', fejn kienet ben informata, kemm verbalment, kif ukoll bil-kitba fuq l-invoice, li kien hemm garanzija ta' sitt xhur. Wara sebgha xhur u nofs, is-socjeta' ntimata xorta wahda ghamlet servizz b'xejn fuq il-'vacuum cleaner' biex taqdi lir-rikorrenti. Wara li r-rikorrenti gabitha ghandha bil-filters misdudin u l-mutur jishon, ghaddiet biss gimgha u r-rikorrenti regghat gabet il-'vacuum cleaner' din id-darba bil-mutur mahrug. Biex is-socjeta' ntimata terga' taqdi r-rikorrenti, hija offriet li r-rikorrenti thallas ghal mutur biss u li l-labour ikun b'xejn. Ir-rikorrenti baqghet tinsisti li s-socjeta' ntimata ssewwi kollox b'xejn jew li tinghata lura l-flus tal-prodott.

Bhalissa l-'vacuum cleanr' tinsab ghand ir-rikorrenti b'mutur gdid, u bi zvista dan ma thallasx. Is-socjeta' ntimata ilha hafna tkellem lir-rikorrenti biex tigbor il-mutur, pero' dan kollu ghal xejn.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha mil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet ir-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.CT1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi kienet lesta li toffri lir-rikorrenti il-prezz skontat ta' erbgha u sittin Ewro u disgha u disghin centezmi (€64.99) fuq il-mutur il-gdid li jinsab diga' nstallat fil-'vacuum cleaner' u garanzija ta' sitt xhur li tibda minn meta r-rikorrenti thallas ghall-mutur, ghalkemm din m'hijiex is-solitu prattika fuq repairs.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokument minn fejn tirrizulta l-offerta taghha, li gie mmarkat bhala Dok.CC1.

It-Tribunal jinnota wkoll illi r-rikorrenti baqghet ma accettatx l-offerta tas-socjeta' ntimata, fejn minnflok hija talbet li tinghta garanzija ta' sentejn u mhux ta' sitt xhur fuq il-mutur il-gdid.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u b'referenza specifika ghal Dok.CT1 ezebit, minn fejn jirrizulta li l-garanzija kienet wahda ta' sitt (6) xhur, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal jinnota madanakollu, l-offerta maghmula mis-socjeta' ntimata, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, u jordna li r-rikorrenti zzomm il-mutur il-gdid diga' nstallat fil-'vacuum cleaner' in kwistjoni, u li thallas il-prezz skontat ta' erbgha u sittin Ewro u disgha u disghin centezmi (€64.99) lis-socjeta' ntimata, u jordna wkoll li s-socjeta' ntimata taghti garanzija ta' sitt (6) xhur fuq l-istess mutur, liema garanzija ghandha tigi fis-sehh fil-mument li jsir il-hlas hawn imsemmi; b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**